

**Rikors ippreżentat fl-10 ta' Awwissu 2009 — E vs Il-Parlament****(Kawża T-326/09)**

(2009/C 256/56)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż***Partijiet**

**Rikorrenti:** E (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u E. Marchal, avukati)

**Konvenut:** Il-Parlament Ewropew

**Talbiet tar-rikorrenti**

— id-deċiżjonijiet meħuda mill-Bureau tal-Parlament fid-9 ta' Marzu u t-3 ta' April 2009 li jemendaw is-sistema ta' pensjoni addizzjonali volontarja tal-membri tal-Parlament Ewropew, huma annullati;

— il-Parlament huwa kkundannat għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu u tat-3 ta' April 2009 li jemendaw is-sistema ta' pensjoni addizzjonali (volontarja) li tinsab fl-Anness VIII tar-regoli dwar l-ispejjeż u l-allowances tal-membri tal-Parlament Ewropew. L-emendi essenzjalment jirrigwardaw it-tneħħija tal-possibbiltà ta' irtirar kmieni mix-xogħol, mill-età ta' 50 sena, u l-possibbiltà li wieħed ikun jista' jgawdi l-pensjoni taħt forma ta' kapital, kif ukoll iż-żieda tal-età tal-pensjoni minn 60 għal 63 sena.

Il-motivi u l-argumenti prinċipali invokati mir-rikorrent huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-219/09, *Balfe et vs Il-Parlament* <sup>(1)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU 2009, C 205, p. 39.

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Awwissu 2009 — Häfele vs UASI — Topcom Europe (Topcom)****(Kawża T-336/09)**

(2009/C 256/57)

*Lingwa tar-rikors: L-Ingliż***Partijiet**

**Rikorrenti:** Häfele GmbH & Co. KG (Nagold, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Dönch, avukat)

**Konvenut:** L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:** Topcom Europe NV (Heverlee, il-Belġju)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tħassar id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-5 ta' Ġunju 2009 fil-Każ R 1500/2008-2; u

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

**Applikant għat-trade mark Komunitarja:** Ir-rikorrenti.

**Trade mark Komunitarja kkonċernata:** It-trade mark verbali "Topcom", għal prodotti fil-klassijiet 7, 9 u 11.

**Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni:** Il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell.

**Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:** Ir-reġistrazzjoni bħala trade mark Komunitarja tat-trade mark verbali "TOPCOM" għal prodotti fil-klassi 9; ir-reġistrazzjoni bħala trade mark fil-Benelux tat-trade mark verbali "TOPCOM" għal prodotti fil-klassi 9.

**Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:** Oppożizzjoni miċuħda.

**Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:** Appell milqugħ, oppożizzjoni aċċettata u deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni annullata.

**Motivi invokati:** Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill 207/2009) sa fejn il-Bord tal-Appell ikkonstata b'mod żbaljat li kien hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks ikkonċernati u dan minħabba li l-prodotti inkwistjoni la jixxiebhu u lanqas ma jikkomplementaw lil xulxin.

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Awwissu 2009 — Colegio Oficial de Farmacéuticos de Valencia vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-337/09)**

(2009/C 256/58)

*Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol***Partijiet**

**Rikorrent:** Colegio Oficial de Farmacéuticos de Valencia (Valencia, Spanja) (rappreżentanti: E. Navarro Varona, abogada)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Talbiet tar-rikorrent**

- Tannulla, abbażi tal-Artikoli 230 u 231 tat-Trattat KE, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-15 ta' Ġunju 2009, li permezz tagħha din tal-aħħar tiċħad parzjalment it-talba għal aċċess għall-informazzjoni magħmula minn MICOF permezz tat-talba inizjali tagħha tat-23 ta' Ottubru 2008 u fit-talba konfermattiva tagħha tad-19 ta' Jannar 2009.
- Tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż sostnuti minn MICOF f'din il-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Dan ir-rikors ġie ppreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej li tiċħad parzjalment l-aċċess għal ċerti dokumenti mfassla mill-konsulenti ECORYS Nederland BV bi tħejjija għar-rapport intitolat "Study of regulatory restrictions in the field of pharmacies", tat-22 ta' Ġunju 2007, li kien iddestinat għad-Direttorat Ġenerali tas-suq intern u għad-dipartimenti tal-konvenuta.

Insostenn tat-talbiet tagħha r-rikorrenti tallega ksur tal-Artikoli 4(2) u (8) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. <sup>(1)</sup>

F'dan ir-rigward r-rikorrenti ssostrni li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata minn:

- Nuqqas ta' motivazzjoni
- Evalwazzjoni żbaljata tal-eċċezzjoni relatata mal-interessi kummerċjali ta' persuna ġuridika, inkluż fdak li jirrigwarda l-proprjetà intellettuali.
- Żball manifest ta' motivazzjoni, inkwantu din id-deċiżjoni ma teżaminax ir-reqwiżit ta' interess pubbliku superjuri,
- Nuqqas ta' osservanza tat-termini previsti sabiex tingħata risposta għat-talba konfermattiva ta' aċċess għad-dokumenti.

<sup>(1)</sup> ĠU L 145, 31.05.2001, p. 43

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Awwissu 2009 — Consejo Regulador de la Denominación de Origen Txakoli de Álava et vs UASI (TXAKOLI)**

(Kawża T-341/09)

(2009/C 256/59)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Consejo Regulador de la Denominación de Origen Txakoli de Álava (Amurrio, Spanja), Consejo Regulador de la

Denominación de Origen Txakoli de Bizkaia (Leioa, Spanja), Consejo Regulador de la Denominación de Origen Txakoli de Getaria (Getaria, Spanja) (rappreżentanti: J. Grimau Muñoz u J. Villamor Muguerza, abogados)

**Konvenut:** L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet tar-rikorrenti**

- Tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern tal-4 ta' Ġunju 2009 fil-Każ R 197/2009-2, li taċċetta l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark "TXAKOLI" (trade mark verbali kollettiva) fil-klassijiet 33, 35, 41 u 42.
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

**Trade mark Komunitarja kkonċernata:** Trade mark verbali kollettiva "TXAKOLI" (Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 6 952 014), għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 33, 35, 41 u 42.

**Deċiżjoni tal-eżaminatur:** Applikazzjoni miċħuda

**Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:** Appell miċħud

**Motivi invokati:** Applikazzjoni żbaljata tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, inkwantu l-imsemmija dispożizzjonijiet ma setgħux jiġu applikati għall-kelma "TXAKOLI", peress li din hija kkunsidrata bħala terminu tradizzjonali abbażi tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 753/2002 tad-29 ta' April 2002 li jstabbilixxi ċerti regoli sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 rigward id-deskrizzjoni, id-denominazzjoni tal-oriġini, il-preżentazzjoni u l-protezzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur tal-inbid <sup>(1)</sup>.

<sup>(1)</sup> - ĠU L 118, 04.05.2002, p. 1

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Awwissu 2009 — Bard vs UASI — Braun Melsungen (PERFIX)**

(Kawża T-342/09)

(2009/C 256/60)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** C.R. Bard, Inc. (Murray Hill, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: A. Bryson, Barrister, O. Bray, A. Hobson u G. Warren, Solicitors)